**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTA U GĦOXRIN**

**21 ta' Mejju, 2014**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia, il-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, s-Sur Joseph D'Amato, Dr Claudio Zammit, s-Sur Dino Bonnici, s-Sur Vincent Marmara, Pierre Farrugia, s-Sur Raymond Grixti, s-Sur Kevin Sam Farrugia u s-Sur David Abdilla.
Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita'.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier is-Sur Raymond Grixti avża li ma setgħax jattendi. **Dok 1**.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppresieda l-laqgħa.

**26.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

26.1.1 Fir-rigward ta' punt 25.10.1 il-Kunsillier Joseph D'Amato nforma lill-Kunsill li l-Perit Lewis applika mal-Mepa fuq il-funtanta f'Misraħ Mattia Preti.

26.1.2 Il-minuti ta' seduta 25 ġew approvati.

**26.2** **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sotto Kumitati – tal-Anzjani u Żgħażagħ u Edukazzjoni**

26.2.1 Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitati msemmija.

| | |
|---|---|
| **26.3** | ***Approvazzjoni tal-Minuti tar-Reġjun Nofsinhar/Gal Xlokk*** |
| 26.3.1 | Minuti tar-Reġjun Nofsinhar /Gal Xlokk sal-ġurnata ta' din is-seduta kienu għadhom ma waslux. |
| ***26.4*** | ***Kommunikazzjoni mis-Sindku*** |
| 26.4.1 | Is-Sindku qal li għall-aħħar laqgħa plenarja tar-Reġjun Nofsinhar ma setgħax jattendi minħabba impenji oħra li kellu fl-istess ġurnata fosthom il-ġabra ta' ħwejjeġ biex jingħataw lill-Inspire. Hu qal li għal din il-ġabra l-Kunsill ġabar 5 trakkijiet ħwejjeġ mingħand residenti Żrieraq. |
| 26.4.2 | Is-Sindku faħħar l-attivitajiet li saru f'Bubaqra mill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra u qal li preżenti kien hemm nies barra mir-raħal li attendew għal dawn l-attivitajiet.<br><br>Hu żied jgħid li jawgura li l-leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, l-ġdida, jkollha l-istess ħeġġa li kellha l-leġislatura li għadha kif intemmet, biex tkompli timxi fuq il-passi ta' qabilha. |
| 26.4.3 | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ittra mibgħutha mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina,fejn talbu lill-Kunsill permess biex vetturi li ser ikunu qed jaħdmu fuq ġarr u ħatt ta' materjal għall-wirja li ser itellgħu bejn it-30 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju, bit-tema 'Salvu Bugeja' jiġu eżentati minn taħrikiet tas-CCTV.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill javża lill-awtorita' kkonċernata biex is-CCTV tintefa' bejn it-23 ta' Mejju u it-8 ta' Ġunju, minħabba l-attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq. |
| 26.4.4 | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ittra li l-Kunsill irċieva mingħand l-Assistent Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, fejn talab biex issir *crash barrier* madwar il-bankina viċin l-uffiċċju tas-Servizzi Soċjali. Kien hemm qbil unanimu li tali proposta ma tkunx milqugħa minħabba li l-bankina tal-post indikat hi wiesa biżżejjed. |
| 26.4.5 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill fuq laqgħa li kellha ma' rappreżentant ta' Transport Malta fuq il-*bus shelters*. Hi uriet il-postijiet fejn il-Kunsill kien qabel li jsiru tali *bus shelters* u Transport Malta għandhom jiddiskutu fuq dawn il-postijiet li ġejjin:<br>• fi Triq Wied Babu,<br>• fi Triq Santa Marija viċin il-kappella ta' Santa Marija,<br>• ieħor fil-Misraħ Mattia Preti,<br>• fi Vjal l-Indipendenza viċin it-*telephone box* (dan il-post hu l-aktar diffiċli biex isir *bus shelter*)<br>• għandu jitneħħa *bus shelter* li m'għadx għandu użu, fi Triq Bronja. |

26.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mill-Kumpanija Green Pak biex il-Kunsill joħroġ *bye law* fuq il-kolletturi tal-iskart. Green Pak issuġġerixxa dan minħabba li hemm ċertu kolletturi mhux awtorizzati li qed jiġbru skart reċiklat mhux f'isem il-Kunsill jew f'isem il-kumpanija u dan kollu ta' detriment kemm għall-Kunsill u kemm għall-kumpanija li l-Kunsill għandu kuntratt magħha.

Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

26.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet suġġeriment mingħand resident li talab li ssir mera ma' arblu eżistenti fi Triq Bronja faċċata ta' Triq Matteolo Saliba, minħabba li dawk li ġejjien minn Triq Matteolo Saliba għal Triq Bronja ma jkunux jistgħu jaraw it-traffiku huma u ħerġin għal Triq Bronja. Kien hemm qbil li l-Kunsill irid jistaqsi lir-residenti tal-viċin isibux oġġezzjoni li titwaħħal tali mera, qabel ma ssir l-ordni għax-xogħol.

26.4.8 Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa fuq korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand:

- Dusan Stojanovic li staqsa jekk il-Kunsill jikkunsidrax li jidħol f'agreementma IAPMC. Is-Sindku qal li dwar id-dħul f'din l-assoċjazzjoni kien hemm diġa qbil f'seduta oħra tal-Kunsill. Kien hemm qbil li s-Sindku jistaqsi fuq l-ispejjeż li jinvolvi din is-sħubija qabel mal-Kunsill jikkommetti ruħu.

- Mill-Mepa fuq oġġezzjoni li kien għamel il-Kunsill f' Lulju 2009 fir-rigward ta' sit fi Triq il-Wardija. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Perit Lewis u jistaqsieh jiċċekja x'kien oġġezzjona l-Kunsill fil-leġislatura preċedenti.

- Kien hemm qbil illi dak li għandu jsir biex titkompla l-oġġezzjoni għandu jsir, għaliex iż-żmien għall-appell ikun qasir ħafna.

***26.5 Tiġdid tas-Servizz ta' Internal Auditor***

26.5.1 Il-Kunsill qabel li jġedded il-kuntratt tas-servizz tal-Internal Auditor.

***26.6 Risposta tal-Kunsill Lokali għall-Management Letter( kien preżenti l-accountant sabiex ifiehem l-Istqarrijiet Finanzjarji)***

26.6.1 Is-Sur Chris Mifsud f'isem l-accountant tal-Kunsill kien preżenti fis-seduta u fiehem lill-Kunsill il-Financial Statments tas-sena 2013 mħejji mil-Accountant tal-Kunsill, u l-quarterly report numru 1 u r-risposta tal-Management letter.

Hu qal li fis-sena 2013 il-Kunsill ma baqgħalux surplus imma dak li qed idaħħal qed jonfqu. Is-Sur Mifsud qal li l-Kunsill mexa tajjeb skont il-budget li kellu u m'hemmx lok li jista jonfoq fuq proġetti li m'mhumiex fil-budget. Hu żied jgħid li l-management letter turi ċar li l-Kunsill għamel avvanzi tajba fejn tidħol l-amministrazzjoni finanzjarja għax minn management letters preċedenti fejn ġieli qabżu t-30 paġna, din is-sena kellha biss 10 paġni.

Ir-risposta għall-management letter ġiet approvata biex tintbagħat.

Kien hemm qbil li l-accountant jitħallas għas-servizz li ta.

F'dan il-ħin daħlet għas-seduta l-Kunsillier Rita Bellizzi (ħin 19:30) li kienet avżat minn qabel li kienet ser tattendi tard.

***26.7 Jum iż-Żurrieq/ Ġieħ iż-Żurrieq***

26.7.1 Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-Guy Boċċi Klabb fejn talbu li għal din is-sena ukoll jikkolaboraw mal-Kunsill fuq attivita' tal-boċċi, għall-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq.

Kien hemm qbil li minħabba li l-programm ta' Jum iż-Żurrieq tfassal ġimgħat ilu u minħabba li l-Guy Boċċi Klabb ma għamlux komunikazzjoni formali mal-Kunsill, għal din is-sena l-Kunsill ma jikkollaborax fl-attivita' tal-boċċi.

26.7.2 Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jattendu għall-Konferenza Stampa fuq Festa Ħut, li ser issir nhar il-Ġimgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill fl-10.30 ta' filgħodu. Hu qal li din is-sena Festa Ħut ser tkun ikbar u ser ikun hemm bżonn li l-Kunsilliera kollha jagħtu sehmhom f'din l-attivita'. Hu qal li fis-27 ta' Mejju, fis-19:00 ser issir laqgħa fejn ser jiġi diskuss ir-rwol ta' kull kunsillier.

26.7.3 Is-Sindku qal li din is-sena l-attivita' ta' Ġieħ iż-Żurrieq ser issir taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta.

F'dan il-ħin daħal għas-seduta l-Kunsillier Vincent Marmara (ħin 19:45)

***26.8 Manutenzjoni tal-Ġiebja ta' Misraħ Mattia Preti – Użu tal-ilma għat-tisqija u flushings tal-Iskola Primarja.***

26.8.1 Is-Sindku qal li kien avviċinat minn rappreżentant tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn ipproponielu li l-ilma tal-ġiebja f'Misraħ Mattia Preti (li ser tkun taħt il-funtana li qed jipproponi li jagħmel il-Kunsill), jintuża għat-tisqija tal-ġnien ta' quddiem l-iskola u għall-flushings tal-iskola Primarja, minflok li jinħela (minħabba li qed joskula għall-passaġġ quddiem l-iskola. Hu qal li s-sistema ssir mid-dipartiment

tal-Edukazzjoni b'fondi mill-UE.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu tkellem mal-ħaddiema tal-WSC fejn infurmawh li l-*leakage* tal-ilma mhux ġej mil-ġibja ta' Misraħ Mattia Preti, imma minn x'imkien ieħor.

Ma kienx hemm qbil li l-Kunsill japprova l-proposta tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, minħabba li l-ilma tal-ġibja ser ikun bżonnjuż għal-funtana li ser jagħmel il-kunsill.

***26.9*** ***Tiġdid ta' kuntratt:*** CM 67/04/2012 – Contract Management Services

26.9.1 Kien hemm qbil li minħabba x-xogħol fuq proġetti li qed isiru bħalissa, l-Kunsill iġedded il-kuntratt tal-Perit William Lewis bħala 'Contract Management services'.

***26.10*** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' sejħiet għall-offerti:***

PYF67/01/14 - Sustainable Supply & Installation of Playing Field Equipment, Soft Flooring and Fencing in Gnien it-Tfal taz-Zurrieq, Gnien il-Bennej, Gnien l-Emigranti Zrieraq & Gnien Mario Schembri in an Environmentally Friendly Manner

DR67/02/14 - Collection of Mixed Household Waste from the Zurriq Locality, in an Environmentally Friendly Manner

26.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport li ħejja l-Perit Lewis fuq is-sejħa li ħareġ il-Kunsill PYF67/01/14.

Wara diskussjoni u mistoqsijiet imqajma mill-Kunsillier Joseph D'Amato, kien hemm qbil li dan l-item jerġa jitressaq f'seduta oħra, fejn il-Kunsill jistieden lill-Perit Lewis ħalli jfiehem sew ir-rapport li ħejja, speċjalment fejn jirrigwardja s-sigurta' ta' min juża tali *playingfields.*

26.10.2 Fir-rigward tas-sejħa għall-offerti DR67/02/14, l-offerenti kienu dawn:

| **Offerent** | **Ghallis (kuljum)** | **Sant'Antnin(kuljum)** |
|---|---|---|
| Noel Xuereb | €380 | €365 |
| WM Environmental Ltd | €349 | €340 |
| Gaetano Galea | €334 | €329 |
| Waste Collection Ltd | €359 | €359 |
| Northern Cleaning Group Ltd | €358 | €350 |

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport li tħejja minnha u mill-Kunsillier inkarigat Kevin Sam Farrugia. Ġie nnutat li WM Environmental Ltd u Waste Collection Ltd biss kellhom l-oriġinal u kopja tat-tender hekk kif kien stipulat fid-dokument. Anness Dok 2

Inġibdet l-attenzjoni li Gaetano Galea kien infurmat mill-iskrivana tal-Kunsill Francesca Camilleri, ( li ddikjarat ukoll li jekk ikun hemm il-bżonn lesta li tixhed dan) infurmat lil Galea li ma kienx hemm il-bżonn li jitfa' oriġinal u kopja fl-offerti, b'hekk ma ssottomettiex l-oriġinal u l-kopja tad-dokument.

Kien hemm qbil unanimu li minħabba li Gaetano Galea –

- hu l-orħos offerent
- minħabba s-servizz eċċellenti li ta lill-Kunsill tkun dawn l-aħħar 4 snin,
- jagħti servizzi bla ħlas lill-Kunsill kull meta jkun il-bżonn

Ikun hu li jingħata din l-offerta.

***26.11 Ġemellaġġi***

26.11.1 F'dan il-ħin is-Sindku ħareġ mis-seduta (ħin 20:10) u kompliet tippresjedi s-seduta l-Viċi Sindku Rita Grima.

26.11.2 Il-Kunsillier Claudio Zammit qal li dan l-item fuq l-aġenda ma kien ipproponieh hu. Għalhekk għall-korteżija stieden lil min ipproponieh biex jagħmel l-intervent tiegħu.

26.11.3 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li kien avviċinat mis-Sindku Ignatius Farrugia darbtejn fejn ħeġġu biex jippjana mawra f'San Marino, qabel tispiċċa din il-leġislatura u hu kien qal lis-Sindku biex jikkuntatja lill-Kunsillier Claudio Zammit peress li kien hu il-Kunsillier responsabbli mill-Ġemellaġġi. Is-Sindku ppropona li jpoġġi dan l-item fuq l-aġenda imma minħabba li fis-seduta preċedenti, l-Kunsillier Claudio Zammit ma kienx preżenti, iddeċieda li ma jkunx diskuss.

26.11.4 Il-Kunsillier Claudio Zammit informa lill-Kunsill li tliet snin ilu hu flimkien mal-Kunsillier Joseph D'Amato organizzaw mawra għal-San Marino fejn kienu telgħu madwar tnejn u erbgħin residenti żrieraq. Hu żied jgħid li din il-mawra għalkemm kienet suċċess, kienet tinvolvi ħidma kbira u riskju kbir ukoll.
Fis-sena 2012 membri mill-Kunsill ta' Borgo Maggiore kien ġew Malta.

Il-Kunsillier Claudio Zammit qal li l-Kunsill hu ġemellat ma' tliet postijiet – San Marino, Angermunde u Morphou. F'Angermunde il-Kunsilliera Żrieraq marru flimkien ma' żgħażagħ Żrieraq u kunsilliera minn Angermunde ġew Malta. Filwaqt li ta' kull sena l-Kunsill ikun mistieden li jmur Ċipru għall-attivita li ta' solidarjeta li jiċċelebraw.

Il-Kunsill ta' Angermunde għandu l-elezzjonijiet il-Ħadd li ġej, filwaqt li San Marino għandhom l-elezzjoni f'Novembru li ġej.

F'dan il-ħin il-Kunsillier David Abdilla ħareġ mis-seduta (ħin 20:45)

25.11.5 Il-Kunsillier Claudio Zammit informa, li l-Kunsill għandu quddiemu tliet għażliet li jista' jagħmel. L-ewwel waħda hija li nies miż-Żurrieq imorru Angermunde fil-Germanja u dan wara li dan wara li hu kien irċieva stediniet informali mingħand il-Kunsillier t'Angermunde Volkhard Maas. It-tieni għażla tkun illi nies miż-Żurrieq imorru Borgo Maggiore f'San Marino. F'dan il-punt, il-Kunsillier Claudio Zammit qal li rċieva stedina mis-Segretarju tal-Kunsill ta' San Marino għall-attivitajiet medjevali li jsiru fil-lokal bejn il-25 u t-28 ta' Lulju, jew inkella sabiex rappreżentanti ta' Borgo Maggiore jiġu ż-Żurrieq, li tkun it-tielet għażla. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel mawra f'San Marino, imma mhux fil-ġranet imsemmija minħabba li jkun fi żmien il-festa tar-raħal.

Urew ix-xewqa li jattendu għal din il-mawra l-Kunsilliera –
Claudio Zammit (il-Kunsillier inkarigat), Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Rita Bellizzi.

Kien hemm qbil li l-mawra tkun ta' 5 t'ijiem fejn ikunu mistiedna residenti Żrieraq u d-dati pproponuti jkunu bejn l-4 u l-10 ta' Awwissu.

Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jiġbor stimi ta' tour leaders maltin mill-aġenzji ta' Malta biex jikkoordinaw, jorganizzaw u jmuexxu l-ġita, u jkunu huma l-punt ta' referenza għall-grupp li ser jitla'. Dan għandu jsir b'koordinazzjoni mal-Kunsill u mal-aġenzija ta' San Marino li l-Kunsill għandu kuntatt magħhom.

**26.12** ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi***

26.12.1 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-Kunsill jistax ikollu kopja tar-rapport taċ-ċensiment li sar dan l-aħħar mill-NSO. Kien hemm qbil li jintalab dan ir-rapport.

26.12.2 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq l-embellishment ta' art li tinsab fi Triq il-Belt Valletta viċin il-pompa tal-petrol. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem mal-kumpanija ELC biex tinkludi tali sit mal-proġetti li għandha.

26.12.3 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq kif ser jibqa' l-Kunsill fir-rigward tal-problema tat-traffiku li teżisti fi Vjal ix-Xarolla.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob appuntament mal-Executive Chairman tat-Transport Malta fuq dan ir-rigward.

26.12.4 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fil-bidu ta' din il-leġislatura, is-Sindku kien inkarigah mil-Mepa fi ħdan il-Kunsill Lokali, minħabba li dak iż-żmien permezz tal-impjieg li kellu kien setgħa jagħti għajnuna lill-Kunsill f'dan il-qasam. Il-Kunsillier Bonnici qal li issa li m'għadx jokkupa l-impjieg li kellu jħoss li m'għadux jista jagħti għajnuna f'dan il-qasam għalhekk qed jirtira dan il-karigu u ser iżomm biss l-Isports.

26.12.5 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk is-Sindku jistax juża l-Kunsill News bħala propoganda personali. Hu qal li fl-aħħar kunsill news is-Sindku ġab ritratti tal-koppja li żewweġ u qal li ma jħossx li dan għandu x'jaqsam mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq.

F'dan il-punt il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill News hu mezz kif tinforma lir-residenti u l-ħaġa li s-Sindku taż-Żurrieq fil-kariga tiegħu żewweġ koppja, hi aħbar u jħoss li kellha tkun parti mill-Kunsill news.

26.12.6 Il-Kunsillier Dino Bonnici rringrazzja lis-Sindku talli aċċetta li jippubblikalu r-writeup tiegħu għalekemm kien tard li ssottomettieh. Hu żied jgħid li apprezza dan il-fatt.

26.12.7 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-magna installata mal-faċċata tal-Uffiċċju tal-Kunsill għadha ma tixgħelx u hemm bżonn li l-Kunsill jerġa javviċina lill-Avukat tal-Kunsill biex jekk ma kitiebx l-ittra lill-Kumpanija li installatha, jiktbilha fl-immedjat.

26.12.8 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li membru tas-Sotto Kumitat Kultura – is-Sur Tony Cardona rreżenja minn membru minħabba inpenji oħra. Il-Kunsillier D'Amato rringrazzja lis-Sur Cardona tas-servizz li ta u talab li tinkiteb ittra ta' ringrazzjament.

26.12.9 Il-Kunsillier Vincent Marmara ppropona lis-Sinjorina Marija Mangion bl-Id. 371795(M) biex tkun parti mis-sotto kumitat Żgħażagħ. Kien hemm qbil ma dan.

26.12.10 Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li ser tipproponi li jsir kors tal-kraft fuq is-sistema tal-Life long learning.

26.12.11 Il-Kunsillier Rita Bellizzi ppreponiet li jsir dan ix-xogħol:

- *double yellow line* madwar traffic island fi Triq Napuljun minħabba li l-vetturi li qed jipparkjaw magħha qed jiġu mħarka.
- Isir *refresh* tas-*central line* fi Triq il-Qrendi.

Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

26.12.12 Il-Viċi Sindku Rita Grima rrappurtat bozza maqtugha quddiem 67 Triq Rokku Buhagiar. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol meħtieġ.

**26.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

26.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala '**Dok 2'** għall-ammont totali ta' **€46,090.28.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-kont tal-AID fir-rigward tal-kwotazzjoni tal-Online streaming. Hi qalet li ssa li s-sistema tħaddmet f'żewġ seduti, qed tressaq il-pagament tax-xogħol. Kien hemm qbil li tali pagament isir mal-iskeda tal-lum.

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u mil-Kunsillier Dino Bonnici.

**26.14 Data tas-seduta li jmiss.**

26.14.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fid-9.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 25ta' Ġunju, 2014, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Ġunju, 2014

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**